MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 571/2013

**AB**

**Vs**

**Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Madeline Firman b'digriet tal-4 ta' Marzu 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet kienu zzewgu f'Malta nhar id-disgha u ghoxrin t'April 1974, u frott ta' dan iz-zwieg kienu twieldu erbat itfal ahwa GG illi llum ghandu tmienja u tletin sena, O illi llum ghandha sebgha u tletin sena, D illi illum ghandu tnejn u tletin sena u L li lliium ghandu sebgha u ghoxrin sena ;

Illi l-partijiet kienu jghixu l-Grecja stante illi r-ragel huwa ta' nazzjonalita Griega. F'Marzu tas-sena 1992, ir-rikorrenti kellha tahrab minn zewgha bl-erba' uliedha stante swat u abbuz kontinwu u adulterju da parti ta' zewgha, u regghet lura lejn f'dawn il-gzejjer fejn ilha minn dak iz-zmien tghix Malta ;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra qatt ma kien hemm ebda tip ta' kuntatt bejniethom mindu r-rikrorenti giet lura Malta tant illi llum ma tafx fejn jinsab ;

Illi ma hemm ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-uliem huma llum kollha maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena, u l-partijiet m'humiex intitolati ghal manteniment minghand xulxin ;

Illi dawn il-fatti precitati jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju a tenur ta' l-Artikolu 66B tal-Kap XV1 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet in vista tas-suespost li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bil-hall taz-zwieg tl-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti u irrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Marzu, 2014;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha li gew esebiti;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi r-rikorrenti u l-intimat ilhom de facto separati minn Marzu, 1992;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ir-rikorrenti talbet ukoll sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Cutajar;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa t-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Cutajar, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------